MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 135/2010

Eye **Communcations Limited**

**( C 33869)**

**vs**

**Global Village English Centre (Malta) Limited**

**(C 8331)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat mis-socjeta rikorrenti Eye Communications Limited fis 26 ta April 2010 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta’ sitt elef, mitejn u tmintax-il Euro u tletin centezmu (€6,218.30) rappresentanti €5,646 bhala bilanc pendenti fuq kuntratt ghal zvilupp ta’ software specjalizzat, liema software diga gie kkonsenjat lilhom u €572.30 ghal servizz ta’ domain u website hosting ghal periodu ta’ sedna, liema servizzi gew rezi fuq struzzjonijiet tas-socjeta intimata.

Rat illi fit 23 ta’ Gunju 2010, is-socjeta rikorrenti ippresentat nota ta’ riduzzjoni tat-talba ghas-somma ta’ hamest elef, sitt mija u sitta u erbghin euro, (€5,646) stante pagament waqt il-mori tal-kawza.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fit 22 ta’ Novembru 2010 fejn hija laqghet ghal dak mitlub mis-socjeta rikorrenti billi sahqet li l-fatti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjeta attrici naqqset milli tonora il-ftehim illi kienu ghamlu fit 12 ta’ Frar 2009, tant illi s-socjeta intimata kellha tittermina il-kuntratt hija stess. Is-socjeta intimata sahqet ukoll illi, bhala konsegwenza tan-nuqqasijiet illi kien hemm, is-socjeta intimata sofriet danni. Di fatti, l-istess socjeta intimata ressqet ukoll kontro talba fejn talbet lill-Qorti biex tikkundanna lill-istess socjeta rikorrenti thallasha is-somma ta’ €6,000, liema somma l-istess socjeta intimata kien halset lis-socjeta rikorrenti bhala hlas akkont ghas-servizz. Is-socjeta intimata talbet lill-Qorti ukoll, in linea ta’ danni, tikkundanna lis-socjeta rikorrenti thallasha is-somma, minnha ridott, ta’ €5,646.

Rat ir-risposta tas-socjeta rikorrenti ghall-kontro talba, ippresentata fit 8 ta’ Marzu 2011 fejn sahqet illi t-talba tas-socjeta intimata kienet infondata peress illi is-socjeta rikorrenti kienet onorat il-ftehim filwaqt illi kienet is-socjeta intimata li ghazlet, unilateralment, illi tittermina l-ftehim minn mas-socjeta rikorrenti.

Rat illi fil 21 ta’ Ottubru 2011 il-Qorti innominat lill **Dr Stephen Farrugia Sacco** bhala espert sabiex jikkontstata is-software illi s-socjeta rikorrenti kellha tipprovdi u jirrelata jekk tali software giex installat kif originalment miftiehem.

Rat in-nota ippresentata mis-socjeta rikorrenti fl 4 ta’ Gunju 2012 fejn esebit il-ftehim datata 12 ta’ Frar 2009 u korrispondenza skambjata bejn il-partijiet.

Rat in-nota ta’ l-espert tekniku illi fiha talab lill-Qorti tiffissa zewgt seduti peress illi kellu diffikulta’ li jiffissa seduti mas-socjeta rikorrenti, u l-Qorti iffissat zewgt seduti fil 25 ta’ Marzu 2013 u it-8 ta’ April 2013.

Rat illi fl 24 ta’ Mejju 2013 l-espert tekniku Dr Stephen Farrugia Sacco ippresenta ir-rapport tieghu bil-konkluzjonijiet minnu maghmulha.

Rat illi fl 1 ta’ Lulju 2013 il-kawza giet differita ghal 21 ta’ Ottubru 2013 ghal-ppresentata tal-provi fuq il-kontro talba, wara liema seduta il-kawza tithallas ghas-sentenza.

Semghet ix-xhieda ta’ **Gaby Hun** moghtija fil 21 ta’ Ottubru 2013 u dokumenti minnha esebiti.

Rat illi fil 21 ta’ Ottubru 2013 il-kawza giet differita ghall-presentata tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi fit 12 ta’ Novmebru 2013, is-socjeta rikorrenti ghamlet rikors sabiex tressaq il-provi taghha dwar it-talba u kontro talba, ghal liema rikors irrispondiet is-socjeta intimata fejn dina oggezzjonat ghal tali talba u, fit 13 ta’ Jannar 2014, il-Qorti cahdet it-talba tas-socjeta rikorrent peress illi l-istadju tal-provi kien ilu maghluq.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentat fit 13 ta’ Frar 2014 u dawk tas-socjeta intimata ippresentati fl 24 ta’ Frar 2014.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob ghal hlas tal bilanc dovut lilha ghad-disninjar, installar u implimentazzjoni ta’ sistema komputerizzata ghas-socjeta intimata, maghmulha fuq talba tas-socjeta intimata u li kienet il-bazi tal-ftehim datat 12 ta’ Frar 2009, liema sistema kellha tipprovdi sistema avvanzata biex is-socjeta intimata tkun tista zomm informazzjoni dwar lis-studenti illi hija kienet toffri servizzi lilhom flimkien ma’ ghodda varji relatati mas-studenti illi s-socjeta intimata kellha fl-iskola taghha.

Is-socjeta intimata, da parte taghha, qieghda tishaq illi s-socjeta rikorrenti ma kkonsenjatx is-software specjalizzat tant illi s-socjeta intimata kellha tittermina l-ftehim u ghalhekk, mhux talli ma kellhiex thallas is-somma dovuta izda, talli, abbazi ta’ kontro talba illi kienet qed

taghmel, is-socjeta rikorrenti kellha tirrifondiha is-sitt elef Euro illi kienet hallset bhala deposit filwaqt illi l-istess socjeta rikorrenti kellha thallasha s-somma addizzjonali ta' hamest elef, erbgha mijna u sitta u erbghin Euro bhala danni sofferti minnha rizultat ta' l-inadempjenza da parte tas-socjeta rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, sabiex tkun tista tasal ghall-konsiderazzjonijiet taghha, qabbdet espert tekniku sabiex jassistiha biex jevalwa is-sistema implimentata mis-socjeta rikorrenti. Madanakollu, kemm minhabba fil-fatt illi s-socjeta rikorrenti naqqset milli tattendi ghas-seduti iffissati mill-espert, kif ukoll minhabba fil-fatt illi s-socjeta intimata ma kellha ebda computer li fuqu tali sistema kienet installata, l-espert ma seta jevalwa xejn mis-sistema installata mis-socjeta rikorrenti u ikkonkluda illi "*is-software meritu tal-kawza de quo ma giex installat kif originarjament miftiehem bejn il-partijiet.*"

Ghalkemm l-espert tekniku wasal ghal tali konkluzjoni, il-Qorti tinnota illi skond korrispondenza esebita mis-socjeta intimata li tinstab a fol 83 tal-process, fl-20 ta' Ottubru 2009, rappresentant tas-socjeta intimata, Martin Harrison kien kiteb lill rappresentant tas-socjeta rikorrenti, Mark Anthony Portelli, fejn dana indikalu illi huma kienu gia qed jahdmu bis-sistema tas-socjeta intimata izda kellha bzonn diversi bidliet u rifinituri sabiex tkun tista tahdem kif mixtieq.

Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi, fl 14 ta' Ottubru 2009, ir-rappresentant tas-socjeta intimata, Gaby Huhn kienet kitbet lir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti Mark Anthony Portelli, fejn qaltu illi s-sistema kellha tigi "*up and running SMOOTHLY*" sa l-ahhar ta' dik ix-xahar.

Illi, minn dana kollu, jidher ghalhekk illi l-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku ma kienux korretti peress illi, a differenza ta' dak illi stqarr l-espert fejn qal illi kkonkluda illi s-sistema ma kienetx giet installata, jirrizulta illi tali sistema kienet attwalment kienet giet installata u kienet qed tigi utilizzata mis-socjeta intimata izda kellha il-problemi biha.

**Ikkunsidrat**

Illi, la darba il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert tekniku ma jistghux jigu mehudin in konsiderazzjoni minn dina l-Qorti peress illi huma zbaljati, il-Qorti trid tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha abbazi tax-xhieda prodotta quddiemha u d-dokumentazzjoni ippresentata.

Mix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta intimata, jirrizulta illi l-progett kien maqsum f'sitt 'modules', li kienu: '1 - Student Registration Package System', '2 - Accomodation Package System', '3 - Financial Package System', '4 - Web Interface', '5 - Statistics Package System' u '6 - Class Management'.

Jirrizulta wkoll illi, il-modules nurmi 2,3 u 6 gew implimentati mis-socjeta rikorrenti, ghalkemm is-socjeta intimata tikkontendi illi kull ma ghamel kien illi ghamel kopja tas-sistema l-antika. Dwar l-ewwel module, inghad illi dana kien sar izda ma kienx komplet ghax kellu bzonn bidliet u modifikazzjonijet. Ir-raba module ma kienx ghandu sar filwaqt illi il-

hames module ma kienx qed jopera sew peress illi kellha bzonn l-informazzjoni mill-modules kollha operanti qabel ma dana seta jaghti statistika korretta - allura wiehed jista jifhem illi s-sistema kienet gie implimentata parzjalment izda ma kienetx ghadha komplet.

Ghalhekk, jirrizulta illi, mill-progett kollu, tlieta minn sitt modules kienu lesti, tnejn ohra kienu ghadhom fi stadju ta’ zvilupp u wiehed kien ghadu lanqas biss sar.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fis 6 ta’ Jannar 2010 is-socjeta intimata xtrat sistema li pprovdiet erbgha mis-sitt modules intizi fis-sistema li s-socjeta rikorrenti kienet qed tiddisgna, u dana kif jidher fis-Sales Invoice a fol 117 tal-process. Sussegwentement xtraw modules aktar avvanzati.

Mill-provi prodotti jirrizulta ippruvat illi s-socjeta intimata tterminat unilateralment il-ftehim illi kellha mas-socjeta rikorrenti izda ma giex ippruvat meta attwalment tali ftehim gie terminat unilateralment mis-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta intimata, fir-risposta taghha, ghamlet ukoll kontro-talba kontra is-socjeta rikorrenti u talbet ghar-rifuzjoni ta’ €6,000 gia imhallsa bhala parti tas-servizz tas-socjeta rikorrenti, kif ukoll ghas-somma ta’ €5,646. Is-somma ta’ €5,646, li hija fl-istess ammont ghal dik mitluba mis-socjeta rikorrenti, kienet tinkludi l-pagi tal-haddiema taghha sabiex idahhlu l-informazzjoni kollha mis-sistema l-antika ghas-sistema il-gdida li kienu xtraw f’Jannar 2010 kif ukoll is-sistema il-gdida illi kellhom jixtru biex jirrmpjazzaw dik tas-socjeta rikorrenti li ma kienx qed jahdem kif xtaqet is-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Abbazi tal-provi kollha prodotti u fatti kollha kif imressqa quddiem dina l-Qorti, din il-Qorti tista tasal ghal konkluzjoni segwenti:

Is-socjeta rikorrenti kienet ikkonsenjat u installat, b’mod funzjonanti, tlieta mis-sitt modules li kelha taghmel filwaqt illi tnejn ohra kienu gew installati izda kienu ghadhom bi problemi varji fihom. Module minnhom ma kienx ghadu gie implimentat. L-argument imqajjem mis-socjeta intimata illi s-socjeta rikorrenti ikkupja is-sistema l-antika ma tregix peress illi jirrizulta illi li gara kien li dawk il-modules gew zviluppati abbazi tas-sistema l-antika li jidher illi kienet sodisfacjenti ghas-socjeta intimata. Ghalhekk, jista jinghad illi s-socjeta rikorrenti kienet ipprovdiet nofs is-sistema li kellha tipprovdi u ghalhekk, is-somma ta’ sitt elef mghoddi lilha bhala pagament akkont huwa bizejjed biex jissodisfa dak minnha pprovdut u il-bilanc ma huwiex dovut.

Mill-banda l-ohra, is-socjeta intimata, unilateralment ghazlet illi, flok ma tenforza il-ftehim illi hija ghamlet mas-socjeta rikorrenti fit-12 ta’ Frar 2009, titterminah u tixtri prodott iehor

sabiex timplimenta is-sistema illi hija riedet topera. Biex dana sar, is-socjeta intimata uzat l-impjegati taghha sabiex terggha ddahhal mill-gdid l-informazzjoni kollha illi kien hemm fis-sistema l-qadima, li s-socjeta rikorrenti kienet parzjalment implimentat, ghal go il-programm il-gdid illi hija xtrat.

Filwaqt illi l-Qorti tifhem illi s-socjeta intimata kellha l-ghazla jekk tkomplix timplimenta u tirfina is-sistema illi s-socjeta rikorrenti kienet qed timplimenta jew li twaqqaf kollox u ggib sistema "off the shelf" bhalma kienet dik illi gabet is-socjeta intimata minn terzi persuni f'Jannar 2010, tali ghazla madanakollu ma setghetx issir a detriment tas-socjeta rikorrenti illi kienet implimentat is-sistema.

Jirrizulta ben ippruvat illi s-sistema tas-socjeta rikorrenti kienet giet installata u adoperata mis-socjeta intimata izda dina s-sistema kellha l-problemi taghha, liema problemi wasslet lis-socjeta intimata sabiex tittermina il-ftehim tmas-socjeta rikorrenti unilateralment. Tali ghazla, naturalment, wasslet ghal spejjez ohra inkorsi mis-socjeta intimata, liema spejjez, izda, ma jistghux jigu attribwibbli lis-socjeta rikorrenti peress illi ma ngabet ebda prova quddiem dina l-Qorti illi qabel ix-xiri ta' tali programm is-socjeta rikorrenti kienet interpellata u avzata, b'xi mod, illi kienet ser tinzamm responsabbli ta' dawna l-ispejjez li kienet ser tinkorri is-socjeta intimate u ma ingabet anqas ebda prova fejn is-socjeta rikorrenti kienet mgharrfa bit-terminazzjoni tal-ftehim.

Ghalhekk, filwaqt illi l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata ghal dak mitlub mis-socjeta rikorrenti huma gustifikati, it-talba maghmulha minnha kontra is-socjeta rikorrenti ma tregix u ma tirrizultax gustifikata.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u id-dokumentazzjoni ippresentata quddiem dina l-Qorti,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Ghal dak li jirrigwarda it-talba tas-socjeta rikorrenti, tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata u ghalhekk tichad it-talbiet attrici; u

Ghal dak li jirrigwarda il-kontro talba tas-socjeta intimata, tilqa' l-eccezzjonijet tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk tichad it-talbiet tas-socjeta intimata.

Spejjez tal-proceduri odjerni, in kwantu jirrigwardaw it-talbiet tas-socjeta rikorrenti inkluz l-ispejjez tal-Perit Tekniku, jkunu kollha a karigu tas-socjeta rikorrenti, filwaqt illi in rigward ta' l-ispejjez li jirrigwardaw il-kontro talba tas-socjeta intimata, dawna ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------